# Daħla

*Sitt ġimgħat qabel*

Il-binja bil-faċċata ħamra skura kienet tispikka fost il-binjiet l-oħra f'dik it-triq. Bejn għax kienet aktar moderna, kif ukoll għax l-oħrajn kienu mbajda bi lwien aktar naturali. Kollox deher kwiet f'dawk l-akkwati. Fil-kwarta li kien ilha pparkjata n-naħa l-oħra tat-triq, ma kien daħal jew ħareġ ħadd minn ebda waħda minn dawk il-binjiet. Kull ftit sekondi, kienet titfaċċa xi karozza li tgħaddi sparata, ġieli lejn naħa, ġieli lejn in-naħa l-oħra.

Sue ħarset lejn l-arloġġ tad-dashboard tal-karozza tal-kiri. Kienu s-sitta u nofs ta' filgħaxija

preċiżi. Qabdet il-mowbajl, u ċemplet l-ewwel numru fil-lista ta' telefonati riċenti. Lil min riedet tkellem, wieġeb minnufih.

"Sejra issa," qalet, u qatgħet.

Ħarset fil-mera tan-nofs. Għajnejha, skuri u jleqqu, ħarsu lura lejha b'determinazzjoni. Libset in-nuċċali tax-xemx, avolja l-ajru kien griż u kien kważi dalam. Ħarġet mill-karozza u ħarset sew madwarha biex tiżgura ruħha li m'hemm ħadd josservaha. Mill-bieba ta' wara ħarġet bagalja sewda, ġdida fjamanta.

Stenniet żewġ karozzi jgħaddu, imbagħad qasmet it-triq għall-bankina l-oħra. Baqgħet miexja sakemm waslet quddiem il-bieb tal-ħġieġ tal-binja l-ħamra. Fuqu kien hemm l-isem *Crimson Court* miktub b'ittri kbar, imnaqqxin fil-ħġieġ stess.

Il-bieb kien magħluq iżda mhux imsakkar, bħallikieku xi ħadd ħallieh apposta. Imbuttatu 'l ġewwa u nfetaħ bla ħoss. Malli daħlet, ingħalaq warajha awtomatikament. Il-ħoss tat-triq donnu siket f'salt.

Fuq ġewwa tal-intrata mudlama u pjuttost


CRIMSON
COURT

wiesgħa li sabet ruħha fiha kien hemm żewġ lifts. Fuq il-lemin tagħhom kien hemm taraġ li jagħti kemm 'l isfel, bla dubju lejn il-garaxxijiet, kif ukoll 'il fuq. Mal-ġenb tat-taraġ, kien hemm daħla bl-arloġġi tad-dawl u tal-ilma tar-residenti ta' dik il-blokka appartamenti.

Aċċertat ruħha li għadha waħedha, imbagħad segwiet l-istruzzjonijiet li kienu tawhom. Poġġiet il-bagalja fuq ġewwa nett, taħt l-aħħar żewġ arloġġi. Din daħlet kexxun, tant li ma kinitx tagħti fil-għajn.

Bħallikieku ħelset minn xi toqol kbir, Sue lebbtet 'il barra b'ħeffa. Lura fil-karozza, ħadet nifs kbir. Qalbha kienet qed tħabbat tgħaġġel. Reġgħet ċemplet l-istess numru ta' qabel.

"Lesta. Iva, kollox kif qalulna. Iva, se nitlaq issa. Narak dalwaqt."

Sue startjat il-karozza. Qabel saqet, tat ħarsa tal-aħħar lejn dik il-faċċata ħamra ta' *Crimson Court* fi Triq J. Quintinus, fil-Qawra. F'qalbha qalet talba ċkejkna, bit-tama li kollox jintemm b'wiċċ il-ġid.